# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar, 2020.**

**Numru 17**

**Rikors numru 1066/12JPG**

**Karmenu Mifsud**

**v.**

**Onorevoli Ministru Għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, Onorevoli Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u b'digriet tal-15 ta' Ottubru, 2019, l-isem ġie mibdul biex jaqra "Ministru għat-Trasport u Infrastruttura"; Onorevoli Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent; L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma; u Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi*;* u b'ordni tal-Qorti tat-3 ta' Novembru, 2016 issejjaħ fil-kawża d-Direttur Ġenerali (Xogħlijiet/Services Division)**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma żewġ appelli mressqa mill-intimati Awtorità tal-Ippjanar u tal-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, kif ukoll appell inċidentali mressaq mill-attur, minn sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili fit-3 ta' Novembru 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, (i) laqgħet l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimati Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, tal-Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u tal-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent billi sabet li ma kinux il-leġittimi kontradittturi tal-azzjoni attriċi u ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju, (ii) ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati Awtorità tal-Ippjanar u l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali li ma kinux il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u, (iii) minn rajha ("*ex ufficio*"), ordnat is-sejħa fil-kawża tad-Direttur-Ġenerali Xogħlijiet/*Services Division* jew ekwivalenti, filwaqt li irriżervat l-ispejjeż għall-ġudizzju finali;

2. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "***Ikkonsidrat;***
>
> ***"L-intimati kollha eccepew illi huma m'humiex il-legittimi kontradditturi f'dan il-kaz.***
>
> *"Fir-rigward tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi, wara li semghat ix-xhieda ta' Kenneth Brincat u rat l-Artikolu 33 (1) u (2) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi x'inhuma l-funzjonijiet ta' Kunsill Lokali, hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi hija fondata u l-istess Kunsill Lokali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*
>
> *"Fir-rigward tal-MEPA jirrizulta illi l-Awtorità kellha rwol estensiv u ta' importanza konsiderevoli fil-flood relief project, tant illi kienet l-Awtorità li ressqet quddiem il-Parliament il-proposti li imbagad gew approvati mill-Ministru.*

*“Fis-sentenza fl-ismijiet **Vanna Arrigo et vs Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar et** deciza fis-17 ta' Ottubru 2016, din il-Qorti kienet cahdet l-eccezzjoni tal-MEPA illi ma kienetx il-legittimu kontradittur f'dik l-azzjoni, u spjegat id-decizjoni taghha b'dan il-mod:*

> *“[f]ir-rigward tal-Awtorità ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar, jirrizulta mill-affidavit tal-Perit Frans Mallia, illi l-Awtorità ntimata kellha rwol estensiv u sostanzjali fl-ezercizzju meritu ta' din l-azzjoni, tant illi kienet responsabbli sabiex tirrakomanda jekk sit partikolari kellux jigi inkluz fl-abbozz finali, u d-dokument finali bil-posizzjoni tal-MEPA kien gie sottomess lill-Parlament...*
> *(...)*
> *Ghalhekk huwa car illi ghalkemm id-decizjoni finali ma kienetx tal-Awtorità, l-Awtorità ntimata xorta wahda kellha rwol deciziv fil-process, tant illi t-talba tar-rikorrenti lanqas biss waslet quddiem il-Parlament ghaliex ma tressqitx risoluzzjoni sabiex l-art proprjetà taghhom tiddahhal fiz-zona tal-izvilupp. Il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk, illi l-gudizzju ma jistghax ikun intergu minghajr il-partecipazzjoni tal-Awtorità ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar f'dawn il-proceduri, fid-dawl tal-fatt illi jirrizulta li d-decizjoni finali kienet necessarjament ibbazata fuq ir-rakkomandazzjoni ghal rifjut tal-Awtorità ntimata.”*

*“Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz ukoll, il-gudizzju ma jkunx integru minghajr il-partecipazzjoni tal-MEPA galadarba jirrizulta car mix-xhieda ta' Oliver Magro illi d-decizjoni finali kienet ibbazata fuq il-proposti tal-MEPA. Ghalkemm huwa minnu li d-decizjoni finali ma kienetx tal-MEPA, xejn ma jnehhi mill-fatt illi l-MEPA kellha impatt sostanzjali fuq il-flood relief project galadarba kienet hi li kellha l-funzjoni u l-poter li tressaq il-proposta quddiem il-Parliament ghal eventwali approvazzjoni tal-Ministru.*

*“Ghalhekk it-tieni eccezzjoni preliminari tal-MEPA qed tigi michuda.*

*“Il-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, il-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u l-Ministru ghat-Turizimu, Kultura u Ambjent eccepew preliminarjament illi m'humiex il-legittimi kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*“L-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jipprovdi illi:*

> *"[i]l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni..."*

*"Skont il-gurisprudenza tal-qrati taghna rigward l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 181B, dan l-artikolu ma jfissirx illi awtomatikament l-Ministru responsabbli ma jista' qatt ikun il-legittimu kontradittur f'azzjoni gudizzjarja. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Melita Cable p.l.c. vs Il-Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell intqal deciza fis-6 ta' Frar 2015 illi:*

> *"[q]ed jigi sottomess illi la darba l-awtoritajiet governattivi u dawk li jirregolaw il-komunikazzjoni huma parti fil-kawza, ma hux mehtieg il-prezenza tal-Ministru koncernat. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. L-avviz legali in kwistjoni inhareg mill-imsemmi Ministru, u huma it-termini ta' dak l-avviz legali innifsu li qed jigu attakkati b'din il-procedura, u mhux il-hdim tal-istess avviz legali. L-awtoritajiet l-ohra jista' jkollhom interess peress illi huma implimentaw il-ligi, pero`, xorta wahda hemm bzonn li l-gvern ikun fil-kawza, l-aktar meta tqis illi huwa l-gvern li intrabat bit-trattat tal-Unjoni Ewropea li jara li l-ligijiet li jippromulga jkunu konformi mad-direttivi u r-regolamenti tal-istess Unjoni."*

*"Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet* ***George Falzon vs Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et*** *din il-Qorti diversament presjeduta kienet tal-opinjoni illi l-Ministru koncernat kien il-legittimu kontradittur nonostante dak provdut fl-Artikolu 181B ghaliex:*

> *"...minn qari tal-ligijiet in kwistjoni specjalment il-Kap 437 u cioé l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji li r-responsabbità dwar l-istess servizzi jirrisjedi sia fid-Direttur u sia fil-Ministru. Fil-fatt l-artikolu 48 tal-Kap. 437 jipprovi li d-Direttur ghandu, inter alia, ikun il-konsulent ewlieni tal-Gvern dwar kull haga li ghandha x'taqsam mas-sahha pubblika ta' l-annimali jew dik veterinarja jew li jkollha x'taqsam, jew tkun konnessa mas-servizzi veterinarji tas-sahha u ghandu jirrapporta perjodikament lill-Ministru. Ma dan jinghad ukoll li l-Ministru bis-sahha tas-setgha moghtija bl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent hareg ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Problemi ta' Sahha li jolqtu il-Produzzjoni u t-Tqeghid fis-Suq ta' Laham ta' Tjur Frisk liema regolamenti gew invokati meta l-attivita'*

> *tal-attur giet sospiza fis-sena 2004 (u cioé wara li kienet infethet din il-kawza).”*

*“Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Prim'Imhallef Emeritus Dr. Joseph Said Pullicino fil-kwalità tieghu ta' Ombudsman Parlamentari vs Il-Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 2015 gie rrilevat illi:*

> *“[f]il-fehma tal-Qorti l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali ġie mħarrek korrettament u huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri peress li mill-atti tal-kawża jirriżulta b'mod ċar li kien taħt id-direzzjoni tal-istess Ministru u fuq struzzjonijiet maħruġin minnu li ttieħdet id-deċiżjoni li l-Ministeru tiegħu...”*

*“F'dan il-kaz jirrizulta mix-xhieda ta' Oliver Magro illi d-decizjoni finali rigward il-pjan lokali u il-flood relief system kienet f'idejn il-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Ghalhekk, u fid-dawl tal-gurisprudenza appena citata, il-Qorti hija tal-fehma li l-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali gie mharrek korettament f'dawn il-proceduri, ghaliex jekk id-decizjoni li minnha qed isir ilment kienet tal-Ministru, ghandu jkun il-Ministru li jirrispondi ghad-decizjoni tieghu f'din il-kawza.*

*“Pero jidher ukoll li kien hemm l-involviment tad-Direttur Generali tas-Services Division tal-istess Ministru, li mix-xhieda ta' Oliver Mangro jirrizulta illi kien ukoll responsabbli ghan-National Flood Relief Project kif jidher mid-dokumenti ezebiti minnu a fol 91 – 92, u ghalhekk anke d-Direttur Generali Xogholijiet/Services Division ghandhom jkun parti minn din il-kawza. Pero ma saret l-ebda talba ghal kjamata in kawza tad-Direttur Generali Xogholijiet/Services Division mill-partijiet f'din il-kawza.*

*“Il-Qorti taghraf illi, skont il-ligi, ordni ghal kjamat in kawza ta' terza persuna jista' jsir anke jekk ma jkunx hemm talba f'dak is-sens minn wahda mill-partijiet fil-kawza. Fil-fatt, l-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-*

> ***“Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-Qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f 'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill- partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba.”***

*“Mid-dicitura ta' dan l-Arikolu, u anke tal-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, huwa car illi sejha fil-kawza ta' terza persuna tista' ssir ex officio mill-Qorti tqis illi din hija mehtiega sabiex il-gudizzju jkun integru u jigu evitati multiplicità ta' kawzi fuq l-istess*

*mertu.[1] Tant huwa accettat fil-gurisprudenza Maltija illi l-kjamata in kawza tista' ssir ex officio mill-Qorti, illi il-Qorti Kostituzzjonali sahansitra laqghat argument illi l-Qorti ghandha dover li tordna l-kjamata in kawza ta' terza persuna meta jirrizulta illi tali kjamata in kawza tkun necessarja, u n-nuqqas tal-Qorti illi tadempjixxi dan l-obbligu jista' jwassal ghan-nullità tal-proceduri anke jekk l-ebda wahda mill-partijiet ma kienet talbet il-kjamata in kawza ta' terza persuna.[2]*

*"Is-sentenza **Direttur Generali ta' l-Avjazzjonji Civili vs Panta Contracting Limited et** deciza **fit-18 ta' Novembru 1998** per **Onor. Imh. Raymond Pace** iddelinjat diversi principji u cirkostanzi li fihom gie amess b'success kjamat f'kawza bejn partijiet ohra :-*

***"1. "In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita tal-giudizzju, b' mod li l-presenza ta' tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-re-integrazzjoni u kompletezza tal-proceduri.***

***"2. Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata il-kjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta' min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru 1991)."***

*"L-istess sentenza osservat illi l-Istitut tal-Kjamat in Kawza gie utilizzat mill-Qrati Maltin sabiex jinkludi cirkostanzi fejn jew sabiex:*

***"9. jigu evitati multiplicità ta' kawzi u gudizzji: "Alfred Zammit Cutajar vs Joseph Formosa" (App.Civ. 26 ta' Gunju 1961);***

***"10. tigi evitata possibilità ta' giudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifuzzjoni - "A.I.C. Barbara vs Camelo Mallia" (App. Civ. 26 t'Ottubru 1956);***

*"**11.** l-interess tal-konvenut verso terza persuna jigi protett – "Joseph Calleja vs Av. Joseph Micallef et noe" (Prim Awla. 11 ta' Marzu 1952);*

*"**12.** ikun fl-interess ta' terza persuna u l-attur, sabiex il-giudizzju jigi osservat sew - "Anthony Cini vs Joseph Demanuele" (App.Civ. 8 ta' Frar 1946)".*

---

1 Vide per ezempju **Vincent Agius pro e noe vs Mario Borg et,** Prim'Awla al-Qori Civili deciza 28 ta' Marzu 2003.
2 Partit Nazzjonalista rappresentat minn Dr. Lawrence Gonzi et vs Kummissjoni Elettorali et

*"Fis-sentenza **"Anthony Azzopardi et vs Calcedonio sive Donald Attard et"** deciza **mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 1997,** dik il-Qorti irriteniet:***

> ***"Il-kjamata in kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jigi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti ghandha d-dover li tordnah".***
>
> ***"L-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista' tigi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista' jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr ma jigi kundannat jew liberat, ikun jista' jizviluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur".***

*"**(Vide ukoll Joseph Cassar vs George Pace pro. et. nomine deciza fis-6 ta' Ottubru 2000, mill-Qorti tal-Appell vol LXXXIV PT.II Sez.I Pt.III a fol 1169**; **Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru.1991; Michael Cutajar proprio et nomine vs S.C. & Company Limited deciza fit-8 ta'Ottubru 2004 per Onor. Imh. Geoffrey Valenzia u kif ukoll Saviour Borg et. vs Joseph Degiorgio et. deciza fl-1 ta' Lulju 1999 per Onor. Imh. Raymond Pace)***

*"Il-Qorti hija tal-fehma illi f'din il-kawza hija necessarja l-presenza tad-Direttur Generali Xoghlijiet/Services Division jew ekwivalenti, ghall-integrità tal-gudizzju u dan fid-dawl tar-rwol tieghu fin-National Flood Relief Project li minnu qed jilmenta r-rikorrenti. Ghaldaqstant, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi d-Direttur Generali Xogholjiet/Services Division ghandu jigi kjamat in kawza f'dawn il-proceduri.*

*"Fir-rigward taz-zewg ministri intimati l-ohra, u cioé tal-Ministru ghall-Infrasttrutura, Trasport u Komunikazzjoni u l-Ministru ghat-Turizimu, Kultura u l-Ambjent, il-Qorti tqis illi ma tressqet l-ebda prova rigward ir-rwol jew responsabbilità taghhom f'dak li minnu qieghed jilmenta r-rikorrent. Ghalhekk l-eccezzjoni taghhom tidher illi hija fondata u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju."*;

3. L-Awtorità intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") ressqet Rikors tal-Appell fis-17 ta' Novembru, 2016, li bih u għar-

raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti jogħġobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha u b'hekk teħles lilha wkoll mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur appellat;

4. Fir-Risposta tal-Appell imressqa minnu fis-6 ta' Diċembru, 2016, l-attur laqa' għall-imsemmi appell billi qajjem il-kwestjoni tal-irritwalità tal-istess għaliex l-appellanti ma talbitx il-permess preventiv tal-ewwel Qorti biex tkun tista' tappella mis-sentenza appellata. Bla ħsara għal dan u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellat qal li l-aggravji tal-appellanti mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u għalhekk din il-Qorti jmissha wkoll tiċħad l-appell tagħha fuq hekk u tikkonferma li l-Awtorità appellanti għandha tibqa' parti fil-kawża, bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti;

5. Bis-saħħa ta' Rikors tal-Appell imressaq fit-23 ta' Novembru, 2016, l-intimat Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (illum Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura) (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Ministru appellant"), għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti li fiha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu li ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi u, minflok, tilqa' dik l-eċċezzjoni fir-rigward tiegħu wkoll billi teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur appellat;

6. B’Risposta tal-Appell oħra tas-6 ta’ Diċembru, 2016, l-attur appellat laqa’ għall-appell imressaq mill-Ministru appellant billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qajjem mill-ġdid il-kwestjoni tal-irritwalità u s-siwi tal-appell billi lanqas il-Ministru appellant ma kien talab il-permess tal-ewwel Qorti biex jitħalla jressaq l-appell tiegħu. Fil-mertu, laqa’ għall-imsemmi appell billi warrab kull waħda mill-aggravji tal-Ministru appellant billi qal huwa jmissu jinżamm bħala parti f’din il-kawża u jwieġeb għall-pretensjonijiet tal-appellat;

7. B’Risposta tal-Appell imressqa mill-Kunsill Lokali intimat fil-21 ta’ Diċembru, 2016, għall-appell tal-Ministru appellant, dak il-Kunsill laqa’ billi, fl-ewwel lok, qal li ħadd mill-partijiet ma appella minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Qormi nħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju u għalhekk dik il-parti tas-sentenza appellata saret ġudikat. Fit-tieni lok, qajjem il-kwestjoni tas-siwi tal-appell, ladarba ma kienx inkiseb il-permess tal-ewwel Qorti biex isir l-appell għall-finijiet tal-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fit-tielet lok, laqa’ fil-mertu għall-aggravju tal-Ministru appellant billi qal li l-ewwel Qorti sabet sewwa li huwa kien wieħed mill-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u li dik il-pożizzjoni tiegħu ma tinbidel bl-ebda mod bis-sejħa fil-kawża tad-Direttur-Ġenerali tat-Taqsima Servizzi ordnata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

8. F'dik l-istess Risposta, l-appellat ressaq l-appell inċidentali tiegħu li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti ssib li safejn is-sentenza appellata ħelset lill-intimat Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju, tħassarha u, minflok, issib li l-istess Ministru kien wieħed mill-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi;

9. Fir-Risposta mressqa fit-22 ta' Diċembru, 2016, għall-Appell Inċidentali tal-attur appellat, l-Awtorità appellanti qalet li dak l-appell huwa wieħed inkompatibbli, irrikonċiljabbli u kontradittorju mal-eċċezzjoni tan-nullità mqajma mill-istess appella dwar l-appell tal-appellanti. Għalhekk, hija tgħid li jekk kemm-il darba l-appellat se jibqa' jisħaq fuq in-nuqqas ta' siwi tal-appell tagħha, jrid jirrinunzja għall-appell inċidentali tiegħu: jekk irid isegwi l-appell inċidentali tiegħu, irid jirrinunzja għall-kawżali tan-nullità tal-appell;

10. B'Risposta mressqa fit-28 ta' Diċembru, 2016, għall-Appell Inċidentali tal-attur appellat, il-Ministru appellant qal li kulma messu ntalab mill-appellat kien il-bdil jew korrezzjoni tal-isem li bih kellu jissejjaħ il-Ministeru relattiv, u li għalhekk din il-Qorti ma għandhiex tilqa' l-appell inċidentali tal-attur;

11. F'Risposta tal-Appell oħra mressqa fl-istess jum għall-appell inċidentali tal-attur, l-istess Kunsill Lokali intimat laqa' billi, għal darb'oħra, fakkar li l-ebda parti ma kienet appellat minn dik il-parti tas-sentenza li ħelsitu milli jibqa' fil-kawża. Fit-tieni lok, laqa' billi qal li jekk kemm-il darba l-attur appellat innifsu qanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-appell tal-Ministru appellat, mela dan ifisser li l-appell inċidentali jaqa' wkoll, għaliex appell inċidentali jimplika li l-appell ewlieni jrid ikun wieħed li jiswa. F'kull każ, il-Kunsill qal li jħalli fil-ġudizzju ta' din il-Qorti dwar l-aggravju mressaq mill-appellat;

12. Fit-tielet Risposta tal-Appell imressqa mill-intimat Kunsill Lokali fil-21 ta' Diċembru, 2016, dwar l-appell imressaq mill-appellanti, tqajmu wkoll il-kawżali tal-ġudikat u tas-siwi ta' dak l-appell, minħabba n-nuqqas ta' ksib ta' permess preventiv min-naħa tal-ewwel Qorti għall-finijiet tal-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Żied jgħid li, fil-mertu, is-sentenza appellata hija waħda ġusta u jistħoqqilha tkun konfermata;

13. Semgħet it-trattazzjoni tal-appelli waqt is-smigħ tal-15 ta' Ottubru, 2019, f'liema data ħalliet il-kawża għas-sentenza;

14. Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

15. Illi l-kawża li minnha tressqu l-appelli fuq imsemmija hija waħda ta' danni dwar ħsarat imġarrbin mill-appellat f'ġid tiegħu minħabba għargħar kawżat f'maltempata li laqtet l-inħawi f'Ottubru tal-2012. Is-sentenza appellata kienet tirrigwarda eċċezzjoni preliminari mqajma mill-imħarrkin kollha li, fost l-oħrajn u b'atti separati, eċċepew li huma ma kinux il-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi. Fil-każ ta' waħda mill-partijiet imħarrkin – l-intimata Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma – l-attur appellat kien ċeda l-atti tal-kawża b'dikjarazzjoni verbalizżata[3] u kif ukoll b'Nota dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata[4]. Is-sentenza appellata ħelset uħud mill-intimati mħarrkin mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex sabet li tassew ma kinux il-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi, imma qieset li l-Awtorità appellanti u l-Ministru appellant kellhom jibqgħu fil-kawża biex iwieġbu għall-pretensjonijiet tal-attur appellat, u dan minbarra li minn rajha ordnat is-sejħa fil-kawża tad-Direttur Ġenerali Xogħlijiet/*Services Division* "jew ekwivalenti";

16. Illi l-Qorti tqis li ma tressaq l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ħelset lill-intimati Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u Ministru għat-Turiżmu, Kultura u Ambjent, u lanqas fejn ordnat is-sejħa fil-kawża msemmija;

[3] Verbal tal-15.4.2013 f'paġ. 55 tal-proċess
[4] Paġ. 316 tal-proċess

17. Illi, madankollu, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-appelli rispettivi jeħtieġ tindirizza l-kwestjoni tas-**siwi tal-istess appelli**, imqajma kemm mill-appellat innifsu u kif ukoll mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. Dawn il-preġudizzjali tqajmu peress li l-appelli tressqu bla ma ntalab il-permess għal dan il-għan mill-ewwel Qorti wara l-għoti tas-sentenza appellata. Is-soluzzjoni ta' din il-preġudizzjali tiddetermina jekk din il-Qorti jkollhiex għalfejn tqis l-appelli li tressqu mis-sentenza appellata li, kif ingħad, hija waħda preliminari: jekk jirriżulta li huwa minnu li l-appelli tressqu ħażin, l-appell ikollu jieqaf hawn;

18. Illi l-kwestjoni tas-siwi ta' appell huwa materja ta' ordni pubbliku u din il-Qorti għandha mhux biss il-jedd imma wkoll d-dmir li tqajjem ukoll minn rajha l-kwestjoni tas-siwi ta' appell li jitressaq quddiemha b'mod li ma tistax tassumi ġurisdizzjoni li ma jkollhiex[5]. Dan qiegħed jingħad għaliex, minn eżami tal-atti proċesswali, ma jidher imkien li, fil-waqt jew f'xi ħin wara l-għoti tas-sentenza appellata, saret xi talba lill-ewwel Qorti biex tawtorizża li jitressqu l-appelli li din il-Qorti għandha quddiemha;

19. Illi l-liġi tagħmilha ċara[6] li kull appell minn sentenzi separati mogħtija minn xi qorti qabel l-għoti tas-sentenza aħħarija jista' jsir biss bil-

[5] App. Inf. PS **19.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi General Transport Ltd vs George Mifsud et***
[6] Art. 231(1) *proviso* tal-Kap 12

permess tal-qorti li tkun tathom, kemm jekk dan jingħata bil-miftuħ jew imqar fuq talba li ssirilha b'rikors imressaq fi żmien sitt ijiem mill-qari ta' dik is-sentenza. Il-kliem tal-liġi huwa tassattiv u kull appell li jitressaq mingħajr il-permess tal-qorti li tkun tat dik is-sentenza *in parte* ikun irritu u null[7]. Sentenza bħalma hija dik li minnha tressaq l-appell tallum hija waħda minn dawk li l-liġi ssejħilhom "sentenzi separati"[8];

20. Illi, madankollu, l-liġi[9] tipprovdi wkoll li:

> "*(2) Meta jkun hemm azzjoni li tkun tinvolvi aktar minn attur wieħed jew aktar minn konvenut wieħed, sentenza li taqta' l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista' biss isir appell minnha fiż-żmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza*";

21. Illi ma hemm l-ebda dubju li s-sentenza appellata qatgħet l-azzjoni attriċi fir-rigward ta' wħud mill-partijiet intimati u għalhekk appell minnha kellu jsir bħallikieku s-sentenza appellata qatgħet il-kwestjoni kollha. Din hija t-tifsira li ngħatat lil dik id-dispożizzjoni tal-liġi minn dawn il-Qrati fl-aħħar snin[10]. Dan jgħodd ukoll jekk appell minn sentenza bħal dik jitressaq minn xi waħda mill-partijiet li l-qagħda tagħha fil-kawża ma tkunx intmesset mis-sentenza li

---

[7] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Cutajar vs J. Lautier Co. Ltd.***
[8] App. Ċiv. **9.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***George Vella noe et vs Rev. Charles Ċini***
[9] Art. 231 tal-Kap 12
[10] Ara, b'eżempju, Kost. **25.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Żerafa et vs Emanuel Ċilia et***; u App. Ċiv. **27.10.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Vanna Arrigo et vs Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar et***

qatgħet l-azzjoni fil-konfront ta' xi parti oħra. Il-liġi ma tagħmel l-ebda distinzjoni f'dan ir-rigward;

22. Illi, minbarra dan, li kieku kellu jintalab permess preventiv mill-ewwel Qorti għall-appelli mressqa mis-sentenza appellata, dan kien jaħdem kontra l-appellat innifsu li qajjem il-kwestjoni tar-ritwalità tal-appell imressaq mill-Ministru appellant sewwasew fl-att li fih huwa ressaq l-appell inċidentali tiegħu. Jekk tassew li l-appell interpost mill-Ministru appellant kien null jew irritu, daqstant ieħor kien ikun null u irritu l-appell inċidentali tal-attur appellat li nqeda bl-imsemmi appell – *quod nullum est nullum producit effectum*;

23. Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda ssib li l-appelli u l-appell inċidentali mressqin mis-sentenza appellata saru sewwa u ma kienx hemm bżonn ta' l-għoti ta' permess min-naħa tal-ewwel Qorti biex setgħu jsiru;

24. Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel aggravju** tal-Awtorità appellanti, hija tgħid li s-sentenza appellata ngħatat kontra parti li ma hijiex parti fil-kawża minħabba li dekasteru ma għadux jeżisti. Dan l-aggravju jirreferi għal dik il-parti fl-"okkju" tas-sentenza

appellata li ssemmi lill-"Onerevoli (*sic*) Ministru għall-Infrastruttura" u għall-"Onorevoli Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali" u "l-Onorevoli Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent". L-appellanti ma tgħid xejn aktar dwar dan l-aggravju u kif dik it-tismija "ħażina" tal-imsemmija intimati (li wħud minnhom inħelsu milli jibqgħu aktar fil-kawża) tolqotha ħażin. Huwa minn ewl id-dinja li aggravju ta' xi parti minn sentenza appellata jrid ikun aggravju li jolqot ħażin lil dik il-parti appellanti;

25. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li taqbel li t-tismija tal-partijiet fl-"okkju" tal-kawża fis-sentenza appellata ma jirrispettax dik fir-Rikors Maħluf li bih inbdiet il-kawża. Dan joħroġ kemm fil-mod kif wieħed mill-Ministri intimati jinsab indikat fl-'okkju' tal-istess sentenza, u kif ukoll fil-fatt li waħda mill-partijiet oriġinarjament imħarrkin – il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma – tħalliet barra għal kollox u ma tissemmiex daqslikieku ma kienet qatt parti fil-kawża. Il-fatt li l-attur ċeda l-atti tal-kawża kontra l-imsemmija Korporazzjoni ma jġibx li din ma tibqax tissemma aktar fl-'okkju' tal-kawża;

26. Illi, terġa' u tgħid, fiż-żmien li kienet miexja l-kawża quddiem l-ewwel Qorti, kien hemm bdil fl-amministrazzjoni tal-pajjiż, bil-bidliet

li normalment iġġib magħha fid-dikasteri ministerjali, il-kompetenzi tagħhom u d-desinjazzjoni li tingħatalhom minn żmien għal ieħor. Jidher li l-appellat innifsu qajjem din il-kwestjoni b'rikors li huwa ressaq fl-1 ta' Diċembru, 2016[11], u li bih talab lill-ewwel Qorti tagħmel xi korrezzjonijiet fis-sentenza appellata għall-finijiet tal-artikolu 825 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'digriet mogħti waqt is-smigħ tat-18 ta' Jannar, 2017[12], u wara li rat ir-Risposti mressqa mill-intimati għall-imsemmi rikors, l-ewwel Qorti qatgħetha li tiddeċiedi dwar it-talbiet wara l-eżitu ta' dan l-appell;

27. Illi, fis-sewwa, dan l-aggravju ma għandux ikun ta' xkiel għas-smigħ ta' dan l-appell. Kif tajjeb jgħidu kemm il-Kunsill Lokali intimat u kif ukoll il-Ministru appellant, il-liġi tagħti s-setgħa lil din il-Qorti, sa qabel l-għoti tas-sentenza, li tagħmel il-bidliet jew tiswijiet meħtieġa u ġustifikati fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet u wara li tisma' x'għandhom xi jgħidulha fir-rigward[13]. Degriet bħal dak ingħata minn din il-Qorti waqt l-aħħar smigħ tal-15 ta' Ottubru, 2019, dwar il-Ministru appellant. Il-bidliet li ddaħħlu fil-liġi biex iħallu li jsiru tibdiliet jew tiswijiet minn din il-Qorti wkoll fir-rigward ta' sentenzi mogħtijin

[11] Paġġ. 333 – 6 tal-proċess
[12] Paġ. 346 tal-proċess
[13] Art. 175(2) tal-Kap 12

minn qorti tal-ewwel grad (u tagħha stess) kienu maħsuba li jneħħu l-possibiltà ta' tħassir ta' sentenzi minħabba żbalji jew nuqqasijiet amministrattivi bla ħtija tal-partijiet[14]. Fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza, se jingħata l-provvediment dwar l-"okkju" tas-sentenza appellata;

28. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tastjeni milli tqis aktar dan l-aggravju;

29. Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li tqis flimkien kemm it-**tieni aggravju** tal-Awtorità appellanti u kif ukoll l-**aggravju waħdieni** tal-Ministru appellant. Dawn iż-żewġ aggravji jirreferu għaċ-ċaħda min-naħa tal-ewwel Qorti li tilqa' l-eċċezzjoni rispettiva tagħhom li ma kinux il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi. Iż-żewġ appellanti jqisu li l-eċċezzjoni tagħhom kellha tintlaqa' u huma wkoll jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bħall-intimati l-oħrajn kollha;

30. Illi, b'mod partikolari, l-Awtorità appellanti tgħid li l-ewwel Qorti qieset ħażin is-sehem tagħha fit-tfassil tal-Pjan tas-sistema tal-ħelsien mill-għargħar (magħruf ukoll bħala l-"*National Flood Relief*

[14] App. Ċiv. **27.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Joseph Farruġia et vs Francis Baldacchino et*** §§ 18 sa 23

*Project*") (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Pjan") għall-imkien fejn l-appellat ġarrab ħsarat. Hija tisħaq li l-ewwel Qorti mxiet fuq is-saħħa ta' deċiżjoni f'każ ieħor li ma jixbahx iċ-ċirkostanzi li seħħew fil-każ tallum u li, f'kull każ, dwar dik id-deċiżjoni kien tressaq appell quddiem din il-Qorti. Hija żżid tgħid li għalkemm huwa minnu li hija tat sehem 'sostanzjali' u 'estensiv' fit-tfassil tal-"*policy*" u l-Pjan, l-aħħar kelma kienet tal-Ministru appellant u mhux tagħha, u li hija ma ħadet l-ebda deċiżjoni determinanti li setgħet rabtitha ma' dak li ġralu l-appellat dakinhar li kien hemm l-għargħar. Hija ssemmi deċiżjoni oħra mogħtija minn din il-Qorti li sabet li l-Awtorità ma kinitx il-kontradittriċi leġittima ta' azzjoni dwar tfassil ta' Pjan Lokali ta' żvilupp[15]. Għalhekk, l-appellanti tisħaq li s-sentenza appellata tmur kontra x-xejra ta' dritt stabbilit bis-saħħa ta' sensiela konsistenti ta' sentenzi li jgħidu mod ieħor u "timmina serjament l-uniformità, l-konsistenza u ċ-ċertezza legali li d-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna għandhom jiggarantixxu". Ittemm tgħid li s-sentenza appellata toħloq prinċipju ġdid u perikoluż li jorbot lill-Awtorità b'responsabbiltajiet li jmorru lil hinn minn dak li hija legalment marbuta bihom bis-saħħa tal-liġi li taħtha hija mwaqqfa;

[15] App. Ċiv. **27.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Debono Ltd et vs Awtorit à ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et***

31. Illi, min-naħa tiegħu, il-Ministru appellant jorbot l-aggravju tiegħu mal-fatt li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, dehrilha li kien meħtieġ li ssejjaħ fil-kawża lid-Direttur-Ġenerali dwar ix-Xogħlijiet (*Services Division*). Huwa jgħid li, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, ladarba saret is-sejħa fil-kawża msemmija, żgur ma għandux jibqa' jitqies bħala kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Iżid jgħid li ladarba l-azzjoni attriċi hija waħda għal danni u ma hija bl-ebda mod maħsuba biex tattakka xi avviż legali maħruġ minnu jew lanqas titkellem dwar l-għoti ta' direttivi jew struzzjonijiet min-naħa tiegħu li, b'xi mod, timplika l-ħruġ ta' regolament fuq ordni tiegħu, l-eċċezzjoni tiegħu messha ntlaqgħet mill-ewwel;

32. Illi kemm l-appellat u kif ukoll il-Kunsill Lokali intimat ressqu atti biex jikkontestaw dawn l-aggravji. B'mod ġenerali, huma jinsistu li kemm l-Awtorità appellanti u kif il-Ministru appellant ma jistgħux jippretendu li ma jibqgħux fil-kawża minn dak li ħareġ mill-provi waqt it-trattazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari tagħhom. Kemm l-appellat u kif ukoll il-Kunsill Lokali jippreċiżaw li l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kien wieħed korrett u xieraq fuq is-saħħa tal-elementi li kienu quddiemha f'dak l-istadju bikri tal-

kawża. Minn dawk l-elementi probatorji u legali, jgħidu li kien tajjeb li l-ewwel Qorti qisithom it-tnejn bħala l-leġittimi kontraditturi tal-azzjoni attriċi u li jmisshom jibqgħu fil-kawża biex iwieġbu għall-pretensjonijiet attriċi;

33. Illi huwa stabbilit li biex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le il-legittimu kontradittur tal-parti l-oħra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna imħarrka kinetx materjalment parti fil-ġrajja li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li twassal biex inħolqu r-rabtiet jew effetti fuq il-parti imħarrka illi kellha twieġeb għalihom. Dan jgħodd kemm f'azzjonijiet imsejsa fuq rabtiet kuntrattwali u kif ukoll fuq dawk ta' indoli akwiljana[16];

34. Illi l-ħtieġa li att ġudizzjarju jitressaq kontra l-persuna t-tajba li jmissha twieġeb għall-pretensjonijiet attriċi mhijiex xi kapriċċ maħsub biex joħloq għarbiel artifiċjali ħalli Qorti ma tistħarriġx il-mertu tal-każ. Dik il-ħtieġa toħroġ sewwasew mir-rieda tal-liġi li deċiżjoni mogħtija minn Qorti tkun torbot lil min messu jkun marbut u mhux lil min ma jkollu l-ebda rabta ma' dak il-fatt[17]. Huwa stabbilit

---

[16] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et***
[17] Ara, b'eżempju, Kumm. JDC **10.10.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Ray Micallef noe et vs Mark Anastasi et noe*** (mhix pubblikata) u Kumm. JDC **14.10.1991**fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dottor Gino Camilleri noe et vs Albert Mizzi et noe et*** (mhix pubblikata)

għalhekk li l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna mħarrka hija perentorja tal-ġudizzju istitwit, b'mod li jekk kemm-il darba tintlaqa', il-ġudizzju jaqa' u jintemm[18], u għalhekk hija eċċezzjoni li tista' titqajjem f'kull stadju tal-kawża u mhux biss *in limine litis*;

35. Illi biex tirnexxi d-difiża li l-parti mħarrka f'kawża mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-parti attriċi, jeħtieġ li jintwera li ma jkunx hemm rapport ġuridiku bejn il-partijiet, kemm jekk dan ikun wieħed mibni fuq rabta kuntrattwali jew mod ieħor[19]. Għalkemm dan jista' jidher li jitlob mill-eċċipjenti l-prova ta' fatt negattiv, mhuwiex il-każ għaliex in-nuqqas ta' rabta ġuridika tal-parti mħarrka tista' tintwera bi provi (kemm orali u kif ukoll dokumentali) li juru s-swaba' lejn ħaddieħor li ma jkunx il-parti li teċepixxi li mhix il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Imbagħad, jaqa' fuq il-parti attriċi li tiġġustifika għaliex, minkejja dawk il-provi, xorta waħda l-parti eċċipjenti jmissha titqies bħala l-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni;

[18] App. Ċiv. **3.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Dacoutros vs Petrococchino et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.321**)
[19] App. Inf. PS **9.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Focal Maritime Services Co Ltd vs Top Hat Co Ltd.***

36. Illi l-Qorti tqis ukoll li l-fatt li fis-sentenza appellata l-Awtorità appellanti u l-Ministru appellant tqiesu li huma kienu l-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi ma jfissirx b'daqshekk li l-ewwel Qorti sabet xi ħtija fihom dwar xi waħda mit-talbiet attriċi. Parti f'kawża tista' tkun kontradittriċi leġittima ta' pretensjoni tal-parti l-oħra, imma b'daqshekk biss ma jfissirx li r-responsabbiltà jew il-ħtija tagħha huma skontati. Lanqas ma jfisser li l-fatt li huma jibqgħu fil-kawża se titnissel ħtija solidali bejniethom. Għall-kuntrarju, jibqa' dejjem il-piż tal-parti li tallega li tipprova dik il-ħtija jew dik ir-responsabbiltà, jew f'liema grad. Bħalma ġara fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet waħda meħuda "*prima facie*" u fuq is-saħħa tal-provi limitati li kienu tressqu quddiemha sa dak il-waqt;

37. Illi, tajjeb jew ħażin, waħda mill-premessi ewlenin tal-azzjoni tal-appellat hija sewwasew l-effett negattiv u dirett tal-Pjan li ġab il-ħsarat u d-danni mġarrba mill-attur fl-okkażjoni partikolari tal-għargħar fil-Wied ta' Ħal Qormi f'Ottubru tal-2012. Fit-tfassil ta' dak il-Pjan kienu mdaħħlin sewwa ż-żewġ appellanti. Premessa oħra tgħid li minkejja l-għarfien tal-qagħda li kienet tirriżulta meta tagħmel ħafna xita, ma ttiħdux ir-rimedji u ma twettqux ix-xogħlijiet meħtieġa

biex ma ssirx ħsara lin-nies u lil ħwejjiġhom. Din il-premessa tolqot l-aktar lill-Ministru appellant. Min-naħa tagħha, l-Awtorità appellanti tisħaq li l-Pjan kien maħsub sewwasew biex jirrimedja għall-ħsarat li n-nies kienet iġġarrab sa minn żmien twil qabel kull meta tagħmel xita bil-qliel. Hija tgħid ukoll li l-azzjoni attriċi ma hijiex waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju[20], imma ta' danni akwiljani u b'hekk lanqas mad-daqqa t'għajn ma toħroġ il-leġittimità passiva tagħha f'dan il-każ;

38. Illi s-sottomissjonijiet tal-appellanti biex jiġġustifikaw li mhumiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi jista' jkollhom is-siwi tagħhom meta l-azzjoni tal-appellat titqies fil-mertu tagħha. Iżda din il-Qorti tqis li, fir-rigward taż-żewġ premessi msemmija, il-kontradittturi leġittimi huma l-appellanti u ħadd aktar. Dan jingħad lil hinn mis-sejħa fil-kawża magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Wara kollox, huwa magħruf u aċċettat li ma għandhiex issir is-sejħa fil-kawża biex tissostitwixxi parti mħarrka ħażin[21]. Żgur ma kienx xieraq li l-ewwel Qorti tillibera lill-appellanti mill-ħarsien tal-ġudizzju fuq is-saħħa waħedha tal-eċċezzjonijiet imqajmin minnhom u qabel ma tressqu jew tqiesu l-provi fil-mertu. Dan huwa eżerċizzju

[20] Ara f'dan is-sens App. Ċiv. **27.10.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Vanna Arrigo et vs Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar et***

[21] P.A. **6.2.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone noe vs Magri*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.561**) u l-bosta sentenzi hemm imsemmija; u App. Kumm. **19.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***P. Wismayer et vs C. Wismayer et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.955**)

li għad irid isir u l-ewwel Qorti għadha trid tevalwa jekk il-pretensjonijiet imsemmija (flimkien mal-pretensjonijiet l-oħrajn li jsawru l-att promotur tal-appellat) iwasslux għar-rabta kawżali bejn ix-xiljiet u l-ħsara mġarrba u jekk l-appellanti jaħtux għalihom b'xi mod;

39. Illi fil-qafas taċ-ċirkostanzi kollha msemmija u wara li din il-Qorti qieset il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, hija tasal għall-fehma li l-aggravji mqajmin miż-żewġ appellanti mhumiex mistħoqqa u li l-fehma tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata mhijiex waħda irraġonevoli jew illoġika. Għalhekk, l-aggravju tal-appellanti mhuwiex ser jintlaqa';

40. Illi l-**appell inċidentali** tal-attur jintrabat mal-kwestjoni ta' liema kellu jkun l-intimat li dwaru ngħatat is-sentenza appellata u li tqies li kellu jkun il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Kif ingħad qabel[22], dan l-aggravju nħalaq minħabba li l-ewwel Qorti ħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju lill-intimat Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, imma ċaħdet l-eċċezzjoni mqajma mill-intimat Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (li llum huwa indikat bħala l-

[22] §§ 24 sa 27 *supra*

Ministru għat-Trasport u Infrastruttura). L-attur jgħid li, minħabba f'hekk, l-intimat Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ma messux inħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

41. Illi dwar dan l-aggravju l-Qorti terġa' ttenni dak li semmiet qabel meta kienet qiegħda tqis l-ewwel aggravju tal-Awtorità appellanti. Tosserva wkoll li l-ewwel Qorti straħet fuq provi dokumentali u xhieda mogħtija quddiemha fejn ħareġ min, mill-intimati, kien imdaħħal fil-proċess marbut mal-Pjan u x-xogħlijiet mibdija. Minkejja li l-bidliet fid-dikasteri ministerjali kien ilhom żmien konsiderevoli sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, l-ebda waħda mill-partijiet ma dehrilha li kellha tressaq l-atti meħtieġa biex parti tassumi l-atti minflok oħra jew biex id-desinjazzjoni tal-partijiet tkun aġġornata. Kien biss xi żmien wara l-għoti tas-sentenza appellata li l-attur appellat iċċaqlaq biex ifisser lill-ewwel Qorti x'kienu l-mansjonijiet u l-kompetenzi ta' tali dikasteri[23];

42. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju tal-attur fl-appell inċidentali tiegħu ma huwiex mistħoqq. Ladarba l-Ministru appellant iddikjara li llum jissejjaħ mod ieħor minn kif kien jissejjaħ meta

[23] Ara Dok "A1", f'paġġ. 337 sa 340 tal-proċess

nfetħet il-kawża ma jżid u jnaqqas xejn mill-kostatazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Qorti dwar is-sehem li huwa kellu fil-Pjan u fit-twettiq tiegħu. Dawk il-kostatazzjonijiet kienu f'posthom u ma jidhirx li l-ewwel Qorti ħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju lil min ma kellhiex teħles, jew li ħalliet fil-kawża lil xiħadd li ma kellux jibqa'. Minbarra dan, id-degriet mogħti minn din il-Qorti waqt is-smigħ tal-15 ta' Ottubru, 2019, jidher li indirizza kull ilment li l-attur seta' kellu dwar dan l-aggravju;

43. Illi għalhekk, lanqas dan l-aggravju mhu sejjer jintlaqa';

***Decide:***

44. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appelli billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità** mressqa mill-attur appellat u mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, dwar l-appelli mressqa mill-intimati Awtorità tal-Ippjanar u Ministru għat-Trasport u Infrastruttura, billi l-appelli tressqu kif titlob il-liġi;

**Tordna** li, għall-finijiet tal-artikolu 175(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, issir il-bidla fl-'okkju' tas-sentenza appellata billi minflok il-kliem "Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura" jidħlu l-kliem "Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni" filwaqt li jrid jiżdied ukoll il-kliem "Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma" qabel il-kliem "Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi";

**Tiċħad l-appelli** mressqa mill-intimata Awtorità tal-Ippjanar u mill-intimat Ministru għat-Trasport u Infrastruttura, bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, għaliex huma għandhom jibqgħu fil-kawża biex iwieġbu għall-pretensjonijiet attriċi;

**Tiċħad l-appell inċidentali** tal-attur, billi mhux mistħoqq fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bil-bidliet ordnati f'din is-sentenza;

**Tordna** lill-appellanti Awtorità tal-Ippjanar u l-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura jħallsu l-**ispejjeż** tar-rispettivi appelli tagħhom, filwaqt li l-attur iħallas l-**ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali tiegħu**; u

**Tordna** li l-atti tal-kawża jerġgħu jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti biex tissokta tisma' l-kawża bil-proċess imniedi bis-saħħa tal-istess sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr